*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,565, 18 ta' Marzu, 2010*
*Taqsima B*

**A.L. 159 tal-2010**

## ATT DWAR IL-LIBERTÀ TA' L-INFORMAZZJONI (KAP. 496)

### Regolamenti tal-2010 dwar iż-Żmien li fih għandhom jitressqu Ilmenti u Talbiet għall-Investigazzjoni u Rikonsiderazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 42(d) tal-Att dwar il-Libertà ta' l-Informazzjoni, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar iż-Żmien li fih għandhom jitressqu Ilmenti u Talbiet għall-Investigazzjoni u Rikonsiderazzjoni.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-21 ta' April, 2010.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:-

Kap. 496.

"l-Att" tfisser L-Att dwar il-Libertà ta' l-Informazzjoni u il-kliem u l-espressjonijiet li huma wkoll użati fl-Att għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Ilmenti mressqa lill-Awtoritajiet Pubbliċi.

**3.** Applikant li jikkonsidra li awtorità pubblika ma laħqitx il-ħtiġiet stabbiliti fl-Att fir-rigward tat-talba tiegħu skont l-Att jista' jressaq ilment lil dik l-awtorità pubblika fi żmien massimu ta' tletin ġurnata mid-data tal-aħħar kommunikazzjoni relattiva mill-awtorità pubblika jew l-att jew ommissjoni li tat lok għall-ilment, skont liema tkun l-aħħar data.

Ilmenti mressqa lill-Kummissarju.

**4.** Ilmenti jew talbiet għall-investigazzjoni u rikonsiderazzjoni mressqa quddiem il-Kummissarju skont l-Att għandhom jitressqu mill-applikant fi żmien massimu ta' sittin ġurnata minn meta jkun irċieva l-komunikazzjoni finali mill-awtorità pubblika konċernata.

**L.N. 159 of 2010**

## FREEDOM OF INFORMATION ACT
## (CAP. 496)

### Timeframes for Lodging Complaints and Requests for Investigation and Review Regulations, 2010

IN exercise of the powers conferred by article 42(d) of the Freedom of Information Act, the Minister for Justice and Home Affairs has made the following regulations:-

Citation and commencement.

**1.** (1) The title of these regulations is Timeframes for lodging complaints and requests for investigation and review Regulations, 2010.

(2) These regulations shall come into force on the 21st April, 2010.

Interpretation.

**2.** In these regulations, unless the context otherwise requires:-

Cap. 496.

"the Act" means the Freedom of Information Act, and words and expressions which are also used in the Act shall in these regulations have the same meaning assigned to them in the Act.

Addressing complaints to Public Authorities.

**3.** An applicant who considers that a public authority did not meet the requirements set out in the Act in respect of his request in terms of the Act may address a complaint to that public authority within a maximum of thirty days from the date of the last relative communication from the public authority or the act or omission giving rise to the complaint, whichever is the later date.

Addressing complaints to the Commissioner.

**4.** Complaints or requests for investigation and review addressed to the Commissioner in terms of the Act shall be lodged by the applicant within a maximum of sixty days from the receipt of the final communication from the public authority concerned.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.09**